Mellieħa

24 ta' Ġunju 2020

# IT-TMIEN KUNSILL

**AĠENDA Numru 15**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa**

Lill-Membri kollha tal-Kunsill Lokali

Qiegħed tiġi mitlub/a biex tattendi għal-laqgħa tal-Kunsill Lokali numru **15** li ser issir b'mod virtwali permezz ta' Skype nhar it-Tlieta 30 ta' Ġunju 2020 fis-6.00 pm.

Din il-laqgħa ser tiġi rrekordjata u l-filmat tagħha jista' jitniżżel mis-elettroniku https://www.mellieha.gov.mt/live-streaming.

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**

---

**AĠENDA**

15.1. Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

15.2. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

15.3. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku;

15.4. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

15.5. Mozzjoni dwar l-għoti ta' kuntratt dwar it-Toroq Mhux Urbani;

15.6. Slow Street Project;

15.7. Reviżjoni tal-*Bye-laws* K.L.B.L. 37/02/2017 dwar Attivitajiet fil-Beraħ;

15.8. Sejħa għall-Offerti MLC 2/2020 – Servizz ta' *Contracts Manager*;

15.9. Konsiderazzjoni, approvazzjoni tal-Iskedi tal-Pagamenti u Akkwist ta' Provisti u Servizzi; u

15.10. Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## MOZZJONIJIET

**15.5. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku J. Buttigieg, illi tgħid:**

"Billi l-kuntratt li jipprovdi għat-Tindif ta' Toroq mhux Urbani, intemm it-terminu tiegħu;

Billi saret sejħa għall-offerti (MLC 1/2020) skont ir-Regolamenti dwar l-Akkwist mill-Kunsilli Lokali (L.S.363.186), liema offerti ġew evalwati, skont ma' jidher mir-Rapport ta' Evalwazzjoni datat 19 ta' Ġunju 2020; u

Billi l-Kunsill ivvota somma fl-Estimi għas-sena 2020 u l-Pjan ta' Ħidma 2020-2025, biżżejjed biex tkopri dan is-servizz taħt il-vot 3052;

Il-Kunsill jirriżolvi li għandu jiġi iffirmat kuntratt mal-offerent E.C. Municipals illi jipprovdi għas-servizz imsemmi, għal perjodu ta' erba' snin, b'effett mill-1 ta' Awwissu 2020, skont il-prezzijiet mogħtija fid-dokument tal-offerta.". (T/4/6/Vol IV)

| | |
|---|---|
| John Buttigieg | Emvin Bartolo |
| Viċi Sindku | Kunsillier |